# Fra Elija Grech OFM
## (1865 - 1951)

■ **Patri Noel Muscat ofm**
(Ġerusalemm, Kustodja tal-Art Imqaddsa)

Fra Elija Grech twieled il-Mellieħa fit-12 ta' Marzu 1865, bin Giovanni u Rosa Grima. Fid-19 ta' Ottubru 1884 daħal fl-Ordni Franġiskan u beda n-novizzjat fil-Kustodja Maltija ta' San Ġwann Battista. Fid-19 ta' Ottubru 1885 għamel l-ewwel professjoni u fit-18 ta' Diċembru 1891 għamel il-professjoni solenni fl-Art Imqaddsa. Ma kienx juri kapaċitajiet suffiċjenti għall-istudji tal-filosofija u t-teoloġija, u għaldaqstant is-superjuri tiegħu ma ressquhx lejn is-saċerdozju imma għadda ħajtu bħala fra lajk.

Fis-17 ta' Ġunju 1889 Fra Elija daħal uffiċjalment għas-servizz tal-kustodja tal-Art Imqaddsa. Dan kien ifisser li, għalkemm baqa' membru tal-Kustodja Franġiskana Maltija (mill-1914 Provinċja ta' San Pawl), hu għadda taħt l-ubbidjenza tal-Patri Kustodju tal-Art Imqaddsa, bid-drittijiet u d-dmirijiet sħaħ f'din il-missjoni, kif jagħmlu sal-lum il-missjunarji Franġiskani kollha li jmorru fl-Art Imqaddsa. Mid-dokumentazzjoni ta' relazzjoni mibgħuta mill-komunità tiegħu; wara li talab li jiġi milqugħ għall-professjoni solenni, jidher li Fra Elija, malli wasal l-Art Imqaddsa, intbagħat fil-kunvent ta' San Ġwann *In Montana* ta' Ain Karem.

Minn ittra miktuba lill-Kustodju P. Giacomo Ghezzi da Castelmadama fit-12 ta' Novembru 1890, jirriżulta li Fra Elija kien jilmenta li, dment li kien fil-Kustodja Franġiskana Maltija, fejn kien jgħix fil-kunventi ta' Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat tal-Imdina (Notabile) u tal-Belt Valletta, hu ma tħalla qatt jersaq għall-professjoni solenni, u kien irċieva biss xi lezzjonijiet għall-istat ta' fra lajk minn qassis sekulari li tqabbad apposta għal dan il-għan, għax il-letturi tal-Kustodja ma ridux jilqgħuh għal-lezzjonijiet li kienu jingħataw lill-istudenti kjeriċi li kienu jiġu ppreżentati għall-Ordni Sagri.

Ittra oħra miktuba fid-9 ta' Marzu 1891 hi talba biex Fra Elija jiġi milqugħ għall-professjoni solenni fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Fl-istess ittra, miktuba dejjem fil-kunvent ta' Ain Karem, Fra Elija jitlob lill-Kustodju l-permess biex iħallih imur Ġerusalemm ħalli jara l-funzjonijiet tal-Ġimgħa



Mqaddsa fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Jidher ċar l-interess li kien juri Fra Elija fix-xogħol diffiċli ta' sagristan fl-aktar post qaddis tal-Kristjanità, kif imbagħad wera bil-fatti, meta għadda 20 sena minn ħajtu fil-Qabar ta' Kristu.

Wara li għamel il-professjoni solenni tiegħu, jiġifieri fl-1891, hu baqa' joffri s-servizz tiegħu għal 63 sena, l-aktar bħala sagristan f'diversi santwarji. L-ewwel post fejn qeda s-servizz tiegħu kien is-Santwarju tat-Twelid ta' San Ġwann Battista *In Montana* f'Ain Karem (1891-1894). Minn hemm intbagħat fil-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem (1895-1898). L-aktar servizz importanti tiegħu offrieh fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm mill-1898 sal-1914, b'waqfa qasira fil-kunvent ta' Larnaca, f'Ċipru (1905-1906).

Meta faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija fl-1914, billi Fra Elija kien ċittadin Ingliż, it-Torok Ottomani li kellhom f'idejhom il-Palestina, l-ewwel qabduh priġunier u bagħtuh Damasku fis-Sirja, imma mbagħad tkeċċa u kellu jiġi lura Malta sa ma ntemmet il-Gwerra fl-1918. Sadanittant it-Turkija tilfet il-Palestina, li mbagħad saret Mandat Ingliż u għalhekk Fra Elija seta' jirritorna fl-Art Imqaddsa.



Is-Santwarju tat-Twelid ta' San Ġwann Battista *In Montana* f'Ain Karem.



Il-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem.

Nafu li kien mill-ġdid fil-kunvent ta' Larnaca f'Ċipru (1926-1931), u mbagħad għadda fis-Santwarju ta' Ain Karem (1934-1946). L-aħħar kunvent li kien fih kien dak ta' Ramle (1946-1950).

Fra Elija miet f'Ġerusalemm fit-3 ta' Novembru 1951 u ndifen fiċ-ċimiterju tal-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa fil-Ġetsemani, fejn dak iż-żmien kienu jindifnu l-patrijiet li jmutu Ġerusalemm. Kellu 87 sena u kien ilu Franġiskan 66 sena.

Minkejja l-fatt li kien fra lajk, Elija ħalla manuskritt ta' mitt paġna dwar iċ-ċerimonji u l-i*status quo* li jiġi mħares fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Dan il-manuskritt, imħares fl-Arkivji tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, hu speċi ta' regolamenti għas-sagristani tal-Qabar ta' Kristu. Iġib it-titlu *Per uso del Primo Sagrestano del Santissimo Sepolcro. Opera del Primo Sagrestano del Sepolcro Fra Elia Grech OFM, da Malta*. Hu frott tal-esperjenza twila ta' Fra Elija Grech f'dan is-santwarju prinċipali tal-Art Imqaddsa, fejn hu wkoll sofra meta ddefenda d-drittijiet tal-Franġiskani quddiem il-Griegi Ortodossi li jaqsmu magħhom il-kustodja tal-imsemmija bażilika.